

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/18****tal-4 ta' Jannar 2022**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-Alonga tat-Tramuntana fl-Ocean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franzia**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.
- (2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdet tal-istokk tal-Alonga tat-Tramuntana fl-Ocean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N, għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Franza jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, eżawrew il-kwota allokata għalhom għall-2021.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2021 lil Franzia għall-istokk tal-Alonga tat-Tramuntana fl-Ocean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franzia jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rrilokat, ittrażbordat jew li jinħatt l-art.

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmjiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 31, 29.1.2021, p. 31).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President*

Virginijus SINKEVIČIUS

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

Nru	21/TQ92
Stat Membru	Franza
Stokk	ALB/AN05N
Speċi	Alonga tat-Tramuntana ( <i>Thunnus alalunga</i> )
Żona	L-Ocean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N
Data tal-ġeluq	8.12.2021